Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Antonello Grech)

\- vs -

John Bezzina

Seduta tal-lum 9 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Bezzina, bin Emidio u Marianne, karta tal-identita' numru 10556 G, kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel 17.7.90 u il-24.6.92 bhala propretarja tal-fond 'Dolceria Bezzina' Main Gate Str., Victoria, Ghawdex u bhala persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li

bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghall-Lm834.60c, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 u barra minn hekk akkuzat ukoll li ghamilt hsara fil-meter tad-dawl ghad-dannu tal-EneMalta Corp. liema hsara tammonta ghal LM6.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-5 ta' Marzu, 1996, skond l-artikolu 370 (3) sabiex l-imputat ikun iggudikat minn din il-Qorti bil-procedura;

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April, 1996;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat fl-ewwel lok, wara id-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru 1997, fejn l-azzjoni kienet dikjarata preskritta kwantu tikkoncerna il-perjodu qabel is-17 ta' Lulju 1990 u is-26 ta' Frar 1991 u ghalhekk din is-sentenza hija rigward l-akkuza mis-27 ta' Frar 1991 'l quddiem;

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi fl-24 ta' Gunju 1992, impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta kienu ghamlu spezzjoni fil-fond Dolcerija Bezzina li kellu l-konsum tad-dawl registrat fuq l-imputat. Minn ezami estern tal-meter tad-dawl irrizulta illi s-sigilli kienu kollha intatti izda wara li inqatghu u l-meter kien ezaminat min gewwa instabet negattiva tar-ritratti ta' kejl

madwar tlett pulzieri fl-istess meter. Bicca mill-gasket tal-cover fil-livell tad-disk kienet ukoll nieqsa. Il-meter ma kienx qed jirregistra konsum qabel ma infetah izda wara li tnehhiet in-negattiva dan rega beda jirregistra. L-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti kien ha konjizzjoni ta' dawn il-fatti kollha u hejja r-rapport tieghu.

Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kollha jikkoroboaw dak li instab fil-fond Dolcerija Bezzina u ma hemm l-ebda ekwivoku illi din in-negattiva kienet qed tostakola ir-registrazzjoni tal-konsum elettriku.

Ir-rapprezentat tal-Korporazzjoni EneMalta xehed illi mill-istimi li ghamel jikkalkola illi dan il-meter ma rregistrax konsum effettiv fil-valur ta' Lm834.60 wara li ttiehed in konsiderazzjoni kull tnaqqis li jistqa jkun dovut u l-load fil-fond kif ukoll a bazi ta' kontijiet precedenti.

L-imputat ghazel illi jixhed u spjega illi fl-1991 kellu inkwiet ma' martu u wara proceduri l-Qorti sehhet separazzjoni tal-beni fejn inter alia, l-imputat ceda il-hanut Dolceria Bezzina lill-martu u dan fit-22 ta' Jannar 1992. Dan jirrizulta mil-atti notarili tat-22 ta' Jannar 1992 fl-atti ta' Nutar Dr Paul Geroge Pisani, dokument esebit. Oltre dan, l-imputat spjega illi martu kellha t-tmezzija tal-hanut anke minn qabel is-separazzjoni tal-beni. Il-haddiema kienu kollha responsabilta' taghha u lanqas biss kellu cwievet tal-hanut sahansitra minn qabel is-separazzjoni. L-imputat spjega illi ma kienx prezenti waqt l-access mizmum mill-espert tal-Qorti u l-ewwel darba li kien sar jaf b'dan kollu kien meta ircieva l-att ta' akkuza.

In-kontro ezami l-imputat qal illi l-kontijijet tad-dawl kienet thallashom martu mill-flus li kienet tigbor mill-hanut u li xogholu kien dejjem fil-forn.

Ikkunsidrat illi fl-isfond tax-xhieda migbura jirrizulta bla ebda dubju illi l-imputat ma kellux access ghall-fond de quo mit-22 ta' Jannar 1992 wara li sehhet separazzjoni tal-bejni bejnu u bejn martu. Jekk kellux ukoll access ghal-fond precedentement ghal-din id-data, il-Qorti ma ghandha l-ebda prova hlief il-kelma tal-imputat bil-gurament. Irid jinghad, izda, illi huwa pjuttost inkredibbli kif minn qabel is-17 ta' Lulju 1990 il-meter readers qatt ma innutaw li dan il-meter ma kienx qed jirregistra u qatt ma innutaw li d-diska kienet wieqfa per kawza ta' tertuqa introdotta b'mod illegali. Dan jista' jfissier li qin it-tertuqa qatt ma kienet hemm u tqieghedet wara li l-imputat irrilaxxa l-fond f'idejn martu. Dan id-dubju huwa wiehed ragonevli u ghalhekk ix-xhieda tal-imputat timmita li titwemmen.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-presunzzjoni tal-ligi dwar il-htija tal-imputat ma ghandiex bazi f'din il-kawza stante illi huwa wera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-allegat rejat.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur